

## Il-Bżonn tal-Qari Spiritwali

Għandna nrabbu fina gost għall-qari ta' letteratura reliġjuża. Alloka ħin definit u ta' kuljum, għalih. Minnu nakkwistaw interess fir-reliġjon tagħna; nestendu l-għarfien tagħna fid-duttrini tal-Knisja, nitgħallmu l-istorja tagħha, il-glorji tagħha, l-istituzzjonijiet tagħha, l-għedewwa tagħha, u nkunu kapaċi nirrispondu għall-mistoqsijiet bla għadd u oġġezzjonijiet li l-ħin kollu tisma' mingħand min hu ħabib u mingħand min hu għadu.

Ejjew nagħmlu ftit sagrifiċċju biex kultant nixtru dak il-ktieb, naqrawh tajjeb u naqrawh iktar minn darba. Jekk awtur ikun approfondixxa l-ħsieb fix-xogħol tiegħu ma tkunx tista' tapprezzah b'qari ta' darba. Wara dan, ħalli l-missjoni tiegħu ma tkunx li jiġbor l-għabra fuqu imma jiġbor l-erwieħ. Agħmel appostolat bih billi tiċċirkulah għall-qari fost ħbiebek li tista' tafdahom li jirritornaw il-ktieb li tkun sellifthom. B'mod regolari naraw li tidħol xi rivista reliġjuża fi djarna li żżommna f'kuntatt mal-attivitaijiet tal-Knisja Universali li jkunu qed isiru madwar id-dinja kollha

### Laqgħat tal-*Praesidium* f'Ħad-Dingli għan-nisa u rġiel

**Jum**: Kull nhar ta' Erbgħa

**Ħin**: 4:45 pm

**Post**: Fiċ-Ċentru Parrokkjali





Fuljett maħruġ mill-Praesidium

# Marija Mtellgħa s-Sema
## Ħad-Dingli

**Jiena kollni tiegħek, Sultana u Omm tiegħi**

**Leġjun ta' Marija**

**Ħarġa Nru. 6**
**2023**



### .QADDISA MARIJA, OMM ALLA, ITLOB GĦALINA MIDINBIN, ISSA U FIS-SIEGĦA TAL-MEWT TAGĦNA

Għeżież, ma nafx qattx irrealizzajtu li kull darba li nlissnu t-talba tas-*Sliema* u l-*Qaddisa*, aħna mhux biss inkunu qed insellmu lil Sidtna Marija imma nkunu wkoll qed nitolbuha: *"Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin,* ***issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna****."* U dan joffrilna spunt tajjeb biex fix-xahar li ninsabu fih, nirriflettu dwar kemm din it-talba tfakkarna ta' spiss lil lkoll, f'ħin jew ieħor, għandna żgur niffaċċjaw *is-siegħa* tal-mewt.

Anke f'dawn iċ-ċirkustanzi, aħna msejħin biex induru lejn Alla b'fiduċja u talb. U dan għaliex il-komunità li tinġabar biex titlob għal persuna li qed toqrob lejn il-mewt, jasal li jkollha sosten mill-imħabba u s-sapport: kemm l-agonizzant, u kemm il-familjari u l-ħbieb, żgur li jkollhom konsolazzjoni qawwija mit-talb u jaslu jifhmu u jesperjenzaw b'mod aktar profond ir-realtà tal-Misteru tal-Għid. Mhux ta' b'xejn għalhekk li t-talb għal mewta hienja u qaddisa, fejn nittamaw bis-sħiħ li finalment nerġgħu niltaqgħu u nkunu flimkien, magħquda fil-Mulej Ġesù, kien parti qawwija mit-tradizzjoni nisranija sa' mill-bidu!

Il-Knisja permezz tat-tagħlim li twasslilna, u li jsib l-għeruq tiegħu fil-Kotba Mqaddsa, turina kemm il-ħajja hija **Qaddisa**, **Soċjali**, u **Eterna**. Dan għandna nilqgħuh, nistqarruh u nħalluh idawwal il-fehmiet u d-deċiżjonijiet tagħna. Fl-enċiklika *Evangelium Vitae* (1995) il-Papa San Ġwanni Pawlu II jenfasizza l-prinċipju fundamentali li kull bniedem, mill-mument tat-tnissil sal-mument tal-mewt, iħaddan qdusija, valur u dinjità li huma don ta' Alla, li ħalaqna fuq ix-xbieha tiegħu (ara Ġen. 1:26-27).

*(ikompli f'paġna 2)*

U bħala persuni li ġejna fdati minnu bid-don tal-ħajja għandna wkoll ir-responsabbiltà li nieħdu ħsieb u nħarsu l-ħajja fl-istadji kollha tagħha. San Pawl spiss ifakkarna wkoll li aħna *l-Ġisem ta' Kristu* (1 Kor. 12:27) u għalhekk jeħtieġ nagħrfu li aħna lkoll responsabbli għal xulxin. U f'dan tiġġedded il-preżenza u l-laqgħa ma' Kristu ħaj: fina jgħix, iħobb, jieħu ħsieb u jħaddan. Barraminhekk, Ġesù wriena biċ-ċar li ħajjitna trid tgħaddi mill-passaġġ tal-mewt biex tidħol fl-għamara li thejjiet għalina: *"Fid-dar ta' Missieri hemm ħafna postijiet; li ma kienx hekk, kont ngħidilkom. Sejjer inħejjilkom fejn toqogħdu. U meta mmur u nħejjilkom post, nerġa' niġi biex neħodkom miegħi biex, fejn inkun jien, tkunu intom ukoll."* (Ġw. 14:2-3). B'hekk, b'fidi u tama sħiħa fil-qawmien mill-imwiet, u l-wegħda tal-ħajja eterna, ilkoll jeħtiġielna niffaċċjaw r-realtà tal-mewt mhux bħala t-tmiem ta' kollox, imma bħala parti mill-proċess fejn *il-ħajja ma tintemmx, imma tinbidel* (Ara Prefazju tal-Mejtin li jintuża fil-quddies tal-funerali).

Dan kollu l-Knisja tibqa' ssostnieh u ddawwalna bih anke quddiem l-iżviluppi b'passi ta' ġgant li saru fil-mediċina u t-teknoloġija marbuta magħha, li mhux l-ewwel darba li jitolbu deċiżjonijiet kuraġġużi u għaqlin f'mumenti u kuntesti tassew tqal u diffiċċli sabiex tintalab u tingħata l-kura adegwata u li taqbel mal-etika u l-morali nisranija. Hekk, minkejja dawn l-isfidi ta' żminijietna, bil-mentalitajiet varji li qed jispikkaw, m'għandniex naqtgħu qalbna, imma għandna nimtlew bil-kuraġġ u t-tama, li jegħlbu kull biża', u jwassluna npoġġu lil ħajjitna u l-ħajja tal-għeżież tagħna f'idejn il-Mulej, issa u fis-siegħa tal-mewt. U bit-talb lil Alla u bl-interċessjoni tal-Verġni Marija, saħħa u għajnuna tal-morda, naslu nitolbu:

**O Verġni Marija, Omm wisq maħbuba tagħna, Omm tat-tama tagħna, agħtina l-għajnejn tiegħek biex 'l hinn mit-tbatija u l-mewt jiddi għalina d-dawl tal-qawmien, u jseħħu tassew ta' Kristu l-kelmiet:**

***"Jien hu l-qawmien u l-ħajja.***
***Kull min jemmen fija, ukoll jekk imut, jgħix u kulmin jgħix u jemmen fija, dan ma jmut qatt."* (Ġw 11:25b-26)**

Kan. David Farrugia
Arċipriet



**X'nifhmu meta ngħidu li l-qawmien ta' Ġesù fetħilna l-bieb tal-Ġenna u l-Bibbja kif tfisser il-Ġenna u l-Infern?**



Ġesù nnifsu hu s-Saltna t'Alla u l-Ġenna. Min iqum mill-mewt iqum fiH. Mela Ġesù hu t-**Triq**, il-**Bieb** (id-dejjaq) u l-**Post** fejn noqogħdu (Ġenna). Dan insibuh fi kliemu stess meta qal, per eżempju:

**"Jien Hu t-Triq, il-Verità u l-Ħajja, ħadd ma jmur għand il-Missier jekk mhux bija." (Ġwanni 14:6)**

**"Jien il-bieb tan-ngħaġ." (Ġwanni 10:7)**

**"Sejjer inħejjilkom post fejn toqogħdu u meta mmur nerġa' niġi biex neħodkom miegħi biex fejn inkun jien tkunu intom ukoll." (Ġwanni 14:3)**

Fit-Tieni Rakkont tal-ħolqien naraw kif ħajja sħiħa tfisser li l-erba' relazzjonijiet fundamentali tal-bniedem ikunu sħaħ:

- miegħu nnifsu,
- ma' Alla,
- mal-oħrajn u
- man-natura.

L-istat tal-Ġenna hu dawn l-erba' relazzjonijiet mgħixa b'mod sħiħ, jiġifieri li fih innifsu min hu l-Ġenna:

- jesperjenza ferħ perfett (Beatitudini),
- isir parti minn Alla,
- jagħraf u jħobb lill-oħrajn kollha bl-istess imħabba perfetta ta' Alla
- għad jirċievi ġisem glorjuż f'ħolqien ġdid.

L-istat tal-Infern hu l-maqlub. Fih innifsu jesperjenza:

- taħwid,
- qsim,
- kaos u
- dwejjaq jaħarqu,
- minn Alla jesperjenza firda sħiħa u kundanna,
- mal-mitlufa l-oħra jesperjenza mibegħda totali u iżolament u
- n-natura jesperjenzaha bħala nar (jew dud).



## Talba għas-Saċerdoti

Ġesù, Saċerdot etern, agħmilni Saċerdot skont qalbek kif tridni Int, kif tixtieqni l-Knisja, kif jippretendi minni l-poplu t'Alla.

Żommni dejjem pur sal-mewt, żommni fil-grazzja Tiegħek, imlieni bil-virtujiet kollha. Sawwab fuqi s-Seba' Doni tal-Ispirtu s-Santu, ħarisni bil-Barka Tiegħek u agħtini il-perseveranza sal-aħħar, il-qdusija personali, il-frott abbundanti fl-appostolat biex inkun dejjem skont kif titlob id-dinjita' tas-Saċerdozju tiegħi.

Agħtini l-grazzja biex naqdi lill-Knisja mhux ninqeda biha għall-interessi tiegħi. Eqred fija s-suppervja u nissel fija l-umiltà u l-ubbidjenza, l-ispirtu ta' solidarjetà u dixxiplina, is-sagrifiċċju u ż-żelu u l-appostolat sal-aħħar nifs ta' ħajti. Ħarisni mit-tradimenti. Nissel fija orrur lejn is-sagrileġġi u l-iskandli.

Skansani mix-xbiek tal-passjonijiet tiegħi tar-rebgħa, tal-flus, tax-xeħħa, tal-ġibdiet tal-ġisem. Ibgħatli mewta tajba qabel ma jien naqa' fid-dnub, nagħmel diżunur lill-Knisja u niskandalizza lill-erwieħ li fija jfittxu Kristu ieħor.

Indur lejk, O Verġni Marija, biex illum u dejjem tiddefendini bil-ħerqa tiegħek ta' omm. U tagħmilni umli, qalbieni u qawwi kif ridt li jkun Don Bosco. Ammen.

*Miktuba mis-Serv t'Alla Dun Nazz Camilleri SDB (1906 – 1973)*



## Min hu tassew Ġesù

F'kap 6 ta' S.Ġwann insibu min hu tassew Ġesù. Naqraw dwar il-mirkalu tal-ħames ħobżiet u żewġ ħutiet. Għal folla ta' madwar ħames t'elf raġel dawn ma kienu xejn biex jieklu. Lanqas flus biżżejjed ma' kellhom biex immorru jixtru. Tissemma l-figura ta' 200 dinar. Iżda għal kelma ta' Ġesù, kulħadd kiel sa' ma' xeba'. F'dan il-miraklu, in-nies raw u esperjenzaw il-ġenerosità kbira ta' Ġesù.

Fil-għaxija, l-appostli marru bid-dgħajsa għan-naħa l-oħra. Ġesù ma kienx magħhom. Waqt il-vjaġġ, Ġesù, mexa fuq l-ilma. L-appostli twerwru u San Pietru bil-biża staqsieħ jekk KIENX HU l-imgħallem u talbu jordna li jmur ħdejh jimxi fuq wiċċ l-ilma baħar imma wara ftit naqsitlu l-fidi u beda jgħereq. Ġesù qabdu minn idu u salvah u wissieħ biex ma tonqsux il-fidi. F'dan l-edpisodju naraw li-qawwa ta' Ġesù fuq in-natura.

L-għada in-nies reġgħu bdew ifittxu lil Ġesù. Imma issa ried jurihom min hu. Qalilhom biex jitħabtu mhux għal l-ikel li jgħaddi imma għal ikel li jibqa' għal dejjem. Ikel li Bin il-bniedem biss jista' jgħati għaliex lilU Alla l-Missier immarka bis-sinjal tiegħU. Ġesù għamel dawn is-sinjali biex iwassalhom għat-twemmin fiĦ u hekk isalvaw ruħhom. Qalilhom li min jiekol Ġismu u jixrob Demmu jgħix għal dejjem.

In-nies ma' kienux ippreparati jaċċettaw din i-verità u bdew jitilquh tant li l-Appostli qalulu li kulħadd qiegħed iħallih. Ġesù qalilhom li jekk iridu jistgħu jitilqu huma wkoll. Imma Pietru lissen "Mgħallem għand min tridna mmorru. Int għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem."

L-aħwa, ejjew nikbru u ngħixu fl-imħabba lejn l-Ewkaristija ħalli nesperjenzaw is-sliem f'din il-ħajja u wara għal dejjem fl-Eternità.

Albert Sammut
President

## Il-Milied ta' Carlos

***Kitba ta' Joseph Muscat***



Niftakar qiesu l-bieraħ. Kont qed nieħu ħsieb għadd ta' tfal ċkejknin, orfni. Kien żmien il-Milied u l-entużjażmu kien fl-aqwa tiegħu. Konna armajna d-dormitorju bi dwal u kull għamla ta' tiżjin. Fiċ-ċentru għamilna l-presepju. It-tfal kienu jgħoxew u xejn anqas jien.

Fost it-tfal kien hemm Carlos tfajjel b'ġilda sewda. Lejla waħda dan it-tfajjel bid-dmugħ f'għajnejħ u b'ton miksur qalli "Fejnu l-bambin tiegħi?". Jiena għedtlu: "Il-bambin tiegħek?" U Carlos qalli "Il-bambin iswed. Għaliex il-bambin twieled abjad? Għax ma jkollniex bambin iswed?" Jiena bqajt inħares lejn dan it-tfajjel fl-innoċenza tiegħu. Imxejna lejn il-grotta u Carlos bid-dmugħ f'għajnejħ lissen "qed tara kif il-bambin huwa abjad." L-għada mort għand tal-pasturi u xtrajt bambin iswed għal Carlos. U Carlos feraħ bil-kbir. Carlos emmen li l-bambin tiegħu kellu jkun iswed.

J'Alla dan il-Milied nemmnu li l-Mulej jista' jagħtina esperjenza qawwija ta' konverżjoni sħiħa lejn triq isbaħ u aħjar. Jekk il-Mulej iħabbat fuq qalbek imqar fir-reżħa tal-lejl tgħidlux le. Imbagħad il-ferħ tal-Milied ma jkunx sfog imma sinjal ta' ħajja trankwilla mal-Mulej. Il-bozoz iteptpu ikunu sinjal ta' ferħ estern. Bħal Carlos, feraħ għax sab il-bambin tiegħu. U jiena?



**PARAMENTI SAGRI**

**IL-ĦWEJJEĠ LI JUŻA S-SAĊERDOT WAQT IL-QUDDIESA**



L-**Amittu**, huwa drapp tal-għażel li jintlibes madwar l-għonq u l-ispallejn. Jirrappreżenta dik id-drapp li biha għattew wiċċ Kristu meta ħaduh għand Kajfas. L-amittu jfisser il-qawwa t'Alla li jħares lis-saċerdot fil-ministeru tiegħu. F'ċerti postijiet, illum, l-Amittu ma għadux użat.



L-**Alba**, hija libsa bajda li tasal sat-tarf tar-riġlejn tas-Saċerdot. Il-bjuda tagħha tfisser il-qdusija bla għajb ta' min se jġedded il-Misteri Qaddisa.



Iċ-**Ċinglu**, jirrappreżenta l-ħabel, il-katina li biha rabtu 'l Kristu mal-kolonna waqt il-flaġellazzjoni. Iċ-ċinglu jdur ma' qadd is-Saċerdot bħala ħżiem li jħares fih il-Kastità u s-safa ta' ħajtu.



L-**Istola**, hija s-sinjal propju tas-saċerdozju. L-Istola tfisser u turi li min jilbisha huwa mogħni bis-setgħat kollha tal-Ordni Saċerdotali.



Il-**Pjaneta**, hija l-libsa ewlenija tas-Saċerdot waqt il-Quddiesa. Tintlibes fuq l-ilbies liturġiku l-ieħor. Għandha tifsila ta' mantell biex turi li s-saċerdot għandu jkun imżejjen bil-virtujiet tal-umiltà, ġustizzja, karità u paċi.



## Esperjenzi fis-settur tas-saħħa - serje ta' artikli (3)

***Kitba ta' Ernest Taliana - Ex. Nursing Manager***

Wara li kont naħdem l-S.V.P.R. għal xi 4 snin, bdejt naħdem bħala *in charge* f'Tal-Ferħa Estate, il-Għargħur. Dan kien sptar żgħir fejn kienu jgħixu il-**lebbrużi**. Għal-ewwel ħadt qatgħa għax ma kont naf xejn fuq il-post u x'tip ta' pazjenti kien hemm. Fi żmien il-gwerra Tal-Ferħa kien jintuża mis-servizzi Ingliżi bħala *store* għall-bombi. Fil-fatt kien hemm *hanger* kbir bir-*rails* ma' l-art biex iġorru l-bombi l-kbar tal-gwerra.

Meta l-post ġie f'idejn l-gvern ta' dak iż-żmien, kien ġie rranġat fi flattijiet żgħar (kamra tas-sodda/salott u kamra tal-banju) biex jakkomodaw lill-pazjenti morda bil-lebbra li kienu ġo l-isptar Rużar Briffa ġewwa l-Imgieret. Kien hemm 30 *flat* barra kappella, sala u kwartieri għall-istaff. Il-post kien arjuż, kwiet u iżolat mill-irħula tal-Għargħur u n-Naxxar. Kien ġo Wied id-Dis, li kien jibqa' sejjer lejn il-Madliena. Dan t-trasferiment kien sar għax minn fejn kienu joħorgu l-pazjenti lebbrużi fl-isptar Rużar Briffa, kien qrib *Hotel* tal-mitjar ta' Ħal-Luqa li kienu jmorru passiġġieri meta kien ikun hemm xi *delay* tat-titjira, u għalhekk l-awtoritajiet ma riedux li l-passiġġieri jiltaqgħu ma' dawn il-pazjenti sfigurati bil-marda li kellhom. Dan it-trasferiment kien sar eżatt fit-13 ta' Diċembru, 1974, meta Malta saret Repubblika. Kienet ġurnata qalila u maltemp kbir, u xita kważi l-ħin kollu. Sakemm il-pazjenti u l-ħwejjeg l-oħra bħal saqqijiet etc, ġew ippostjati fil-kmamar tagħhom kollox kien sar għasra bix-xita.

Il-lebbra (Hansens' Disease), hija marda fit-tul li tiġi ikkaġunata minn tip ta' *bacteria*, li tixbaħ ħafna lil dik tat-tuberkulożi. F'din il-marda t-trattament iwaqqaf is-sintomi milli jibqgħu jiżviluppaw. Il-lebbra taffetwa n-nerrvituri fejn ma' tibqax tħoss u għalhekk ikun hemm deġenerzzjoni tal-periferiji tal-ġisem. B'hekk il-pazjent jiġi sfigurat bla mnieħer, widnejn u swaba. Taffetwa wkoll il-pulmun, u għalhekk ibatu ħafna minn infezzjonijiet. Il-vista ta' l-għajnejn tonqos wkoll maż-żmien, u l-ġilda tal-ġisem tiħrax ħafna. Dawn is-sintomi jistgħu jidhru wara xi sena u anki wara 20 sena li titfaċċa l-marda tal-lebbra.





## IL-PAPIET - Seklu IV

*Kitba ta' Rev. Fr. Vincent Magro MSSP*

F'dan is-seklu għandna Papiet li kellhom ħafna nkwiet fir-renju tagħhom. Xiżmi, ereżiji, anti-Papa u oħrajn dgħajfa fil-karratru tagħhom. Oħrajn li mexxew bil-għaqal il-Knisja ta' Kristu fi żmien il-persekuzzjoni u mexxew Sinodi, Konċilji Ekumeniċi bħal ta' NICEA (325AD) u dak ta' Kostantinopli (385AD).

**<u>San Marcel, San Ewsebju, San Militiades (308 - 314)</u>**
Huma papiet ta' ftit importanza storkia.

**<u>San Silvestru (314 - 335)</u>**
Dan kien Papa ta' qawwa kbira fl-istorja tal-knisja. Kien ħabib kbir tal-Imperatur Kostantinu li ta mhux biss il-libertà lill-Knisja imma wkoll ħafna ġid materjali bħal palazzi, artijiet u bini ta' knejjes għal kult nisrani ta' dak iż-żmien. Sar il-konċilju ta' NICEA (325AD) fejn Arjanu ġie kkundannat għal ereżija li xerred ma' kullimkien – fejn ċaħad id-Divinità ta' Kristu.

**<u>San Mark (336 - 336)</u>**
Dan il-Papa miet malajar fl-istess sena li sar Papa.

**<u>San Ġulju I (337 - 352)</u>**
Kien kontra l-Arjani u dejjem żamm li San Atanasju, Isqof ta' Lixandra kellu raġun fil-ġlieda konta l-Arjaniżmu u għandu jiġi re-istitwit fis-Sede ta' Isqof leġittimu ta' Lixandra.

**<u>Liberju (352 - 366)</u>**
Dan huwa l-ewwel Papa li mhux iddikjarata Qaddis mill-Knisja Kattolika. Huwa wera dgħjufija rigward l-Arjaniżmu fil-waqt li kien qed isofri l-eżilju. Intagħżel anti-Papa Feliċ II. In-nies ta' Ruma ma rieduħx u qamet rewixxta kbira tant li l-Imperatur kellu jċedi għar-rieda tal-poplu. Liberju reġa lura lejn Ruma sakemm miet fis-sena 366.

**<u>San Damasus I (366 - 384)</u>**
Dan kien Papa spanjol. Kif ħa s-Sede ta' Ruma, kellu ħafna nkwiet bejn żewġ partiti li ħafna riedu lil Damasus bħala Papa u oħrajn le. Kien hemm ħafna tixtrid ta' demm tant li kellu jidħol il-Prefett ta' Ruma biex iġib il-kwiet. Damasus ordna lil San Ġirolmu jaqleb il-bibbja mill-Grieg għall-Latin fi żmien Teddosju. Dan l-Imperatur kien ordna li l-Kattoliċeżimu huwa reliġjon ta' l-Istat.

**<u>San Siricius (384 – 399)</u>**
L-Imperatur Valentinu (375 -392) ikkonferma l-għażla ta' dan il-Papa. Kellu ħafna nkwiet bħal ma kellu Damasus. Kien l-ewwel Papa li ħareġ digrieti għan-nom tas-Santa Sede u li ħadd ma għandu s-setgħa li jgħażel Isfqijiet jekk mhux bl-awtorità tal-Papa stess.

## In-Novissmi



In-**Novissm**i huma erbgħa, jiġifieri, **il-mewt, il-ġudizzju, l-infern u l-ġenna.** Fl-imgħoddi, it-tagħlim dwarhom kien ikun spiss tant li ġiet li kien hemm kritika fuq il-biża' dwar il-mewt u l-infern. Illum, fid-dawl tal-Vanġelu – l-Aħbar it-Tajba u l-enfasi li Ġesù jagħmel sabiex ma nibżgħux minnu, nsibu aktar it-tagħlim dwar il-ħniena ta' Alla – il-Ħniena Divina u l-imħabba lejn il-proxxmu. Madankollu, tajjeb li nkunu nafu dwarhom għax fin-nofs hemm l-eternità ta' ruħna.

**IL-MEWT**: Il-mewt irid jgħaddi minnha kulħadd u ma nafux meta se tiġi. Għalhekk, huwa mportanti li NKUNU DEJJEM IPPREPARATI BILLI NGĦIXU FIL-GRAZZJA TA' ALLA. Meta nagħmlu hekk, ngħixu dejjem fil-paċi, anke jekk inġarrbu xi diżgrazzja. Ninsabu fix-xahar ta' Novembru, xahar tal-Festa tal-Qaddisin kollha u l-Festa tal-Erwieħ. Żjara fuq il-qabar tal-għeżież tagħna għandha tfakkarna li, mal-mewt, kulħadd irid iħalli ġidu kollu warajh. <u>Dak li nkunu ħadna nħalluh warajna iżda dak li nkunu tajna (l-għemil tajjeb tagħna) neħduh magħna.</u> Kull persuna tkun trid tagħti kont lil Alla tat-tajjeb u tal-ħażin li tkun għamlet.

**IL-ĠUDIZZJU PARTIKULARI**: Mal-mewt, kull bniedem jirċievi fir-ruħ tiegħu, li ma tmut qatt, il-ħlas ta' dejjem f'ġudizzju partikulari, fejn ħajtu titqies f'relazzjoni ma' Kristu u l-ħlas ikun jew purifikazzjoni fil-purgatorju jew dħul minnufih fil-hena tas-sema, jew dannazzjoni minnufih għal dejjem fl-infern. Bħala wieħed mill-eżempji li tana Kristu nsibu l-parabbola ta' Lażżru t-tallab u s-sinjur li għex fil-lussu mingħajr ma ħenn għalih. Lażżru jieħu l-premju tal-ġenna filwaqt li s-sinjur imur għal dejjem fl-infern. Minn dan, nitgħallmu li l-mewt ittemm il-ħajja tal-biedem li matulha jkun jew laqa' il-grazzja ta' Alla li dehret fi Kristu, jew ċaħadha. *(ikompli f'paġna 7)*



Hija ħaġa sabiħa li nafu fuq xhiex se nkunu ġudikati u jeżistu diversi modi sabiex ngħaddu minn dan l-eżami u nakkwistaw is-saltna tas-sema – jiġifieri, il-ġenna. Fosthom insibu: ir-Redenzjoni ta' Kristu, il-Kelma t'Alla inkluż l-għaxar kmandamenti tiegħu, il-Beatitudnijiet, is-Sagrament tal-qrar li jħassrilna dnubietna, inaddafna u jerġa' jħabbibna ma' Alla u s-Sagrament tal-Ewkristija li jgħaqqadna ma' Kristu nnifsu. Barra minn hekk, hemm ir-regola fundamentali: **GĦANDNA NĦOBBU LIL-MULEJ ALLA TAGĦNA B'QALBNA KOLLHA, B'RUĦNA KOLLHA, BIL-QAWWA KOLLHA TAGĦNA U LILL-PROXXMU TAGĦNA KOLLU, HU MIN HU, BĦALNA NFUSNA**. Meta nagħmlu hekk, naslu żgur fis-sema pajjiżna, fid-dar tal-Missier, il-Ġenna

**L-INFERN**: It-tagħlim tal-knisja jtenni li jeżisti l-infern u li dan hu għal dejjem. Alla ta' lill-bniedem ħelsien sħiħ kif jgħix. Għalhekk, jekk bniedem imut mifrud minn Alla minħabba d-dnub il-mejjet, il-kastig tiegħu ikun tbatija fin-nar tal-infern għal dejjem, flimkien mad-disperazzjoni kbira kkawżata minn nuqqas tal-preżenza ta' Alla. Dan kollu jiġrilu bl-għażla ħielsa tiegħu.

**IL-ĠENNA**: Dawk li jmutu fil-grazzja u l-ħbiberija ma' Alla, u li huma safja perfettament jgħixu għal dejjem ma' Kristu flimkien ma' l-anġli u l-qaddisin, f'ħajja perfetta mat-Trinità Qaddisa u mal-Verġni Marija, fid-dar tal-Missier, il-Ġenna. Hemmhekk, huma għal dejjem f'xebħ ma' Alla għax jarawh "kif inhu", wiċċ imb'wiċċ fis-sebħ u l-ġmiel kollu tiegħu: il-Viżjoni Beatifika. Il-misteru tal-għaqda ħienja ma' Alla u ma' dawk kollha li huma fi Kristu jisboq kullma l-moħħ jista' jifhem u jiddeskrivi. Jgħidilna San Pawl: "La għajn qatt ma rat u widna qatt ma semgħet u la qatt ma tnissel f'qalb il-bniedem x'lesta Alla għal dawk li jħobbuh."